MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 382/2007

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta’ Ottubru, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-2 ta’ Settembru, 2004 ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta’ Malta, kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. ‘A’;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-konjuġi ma kellhomx tfal;

3. Illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irrimedjabbilment minħabba tortijiet imputabbli unikament lill-intimata fosthom abbandun tad-dar matrimonjali da parti ta' l-intimata, sevizzi, eċċessi u vjolenza fiżika fil-konfront tar-rikorrenti u nkompatibbilta' ta' karattru bejn il-partijiet;

4. Illi r-rikorrenti ġie debitament awtorizzat illi jippreżenta din l-istanza b'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) numru xxx/07 sabiex jipproċedi għas-separazzjoni personali, skond kopja tad-digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'B';

5. Illi saru diversi tentattivi *da parti* tar-rikorrenti sabiex tintlaħaq separazzjoni bonarja, inkluż bil-proċeduri tal-medjazzjoni, iżda dawn ma tawx frott minħabba ntransiġenza da parti ta' l-intimata;

6. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-intimata u senjatament abbandun tad-dar matrimonjali, sevizzi, eċċessi u vjolenza fiżika fil-konfront tar-rikorrenti u *in subordine* għax iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;

2. tawtorizza lir-rikorrenti jgħix separat mill-intimata żewġu;

3. tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

4. tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti lill-kontendenti f'dak il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi kull att ta’ diviżjoni ta’ l-immobbli, opportun f’jum u ħin li wkoll jiġu stabbiliti minn din il-Qorti;

6. tinnomina kurturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att pubbliku ta’ diviżjoni;

7. tiddikjara li l-intimata ddekadiet minn dawk id-drittijiet tagħha, kif jiġi stabbilit minn din il-Qorti, skond ir-riżultanzi, u dan a tenur ta’ l-Artikli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;

8. tawtorizza lir-rikorrenti li jirreġistra *ossia* jniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri quddiem il-medjatur fl-atti ta’ l-ittra numru xxx/07 kontra l-intimata li tibqa’ nġunta minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fis-7 ta’ Jannar, 2008 li permezz tagħha eċċepiet bir-rispett:

1. Illi m’hemmx kontestazzjoni għall-fatt li ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli, iżda dan ġara minħabba raġunijiet imputabbli lill-attur u mhux lill-konvenuta, u dan senjatament minħabba eċċessi, sevizzi u vjolenza fiżika u morali kif ser jiġi ampjament ippruvat;

2. Illi għall-kuntrarju ta’ dak iddikjarat mill-attur bil-ġurament tiegħu, kien l-attur illi abbanduna d-dar matrimonjali u mhux il-konvenuta. Il-konvenuta għadha qed tirrisjedi fid-dar matrimonjali;

3. Illi t-tieni talba ta’ l-attur ma tistax tiġi milqugħa *stante* li l-istess attur ilu li abbanduna d-dar matrimonjali mill-Awissu tas-sena 2005, u kwindi din it-talba hija frivola, *oltre* li sorvolata;

4. Illi r-raba', il-ħames u s-sitt talba ma jistgħux jiġu milqugħa minħabba li l-kontendenti qatt ma kellhom proprjeta' immobbiljari formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

5. Illi d-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 48 tal-Kapitlu 16 tal-liġijiet ta' Malta ma jistgħux japplikaw kontra l-konvenuta *stante* illi kien l-istess attur li renda ruħu ħati tas-separazzjoni; kif ukoll ta' sevizzi, eċċessi u nġurji fil-konfront ta' martu *ai termini* ta' l-Artiklu 51 tal-Kapitlu 16 tal-liġijiet ta' Malta;

6. Illi l-konvenuta m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' din il-kawża minħabba li ż-żwieġ tkisser minħabba raġunijiet imputabbli lill-istess rikorrent.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-28 ta' Ottubru, 2008 illi permezz tagħha ż-żwieġ bejn il-partijiet ġie ddikjarat null.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi *una volta* ż-żwieġ ġie dikjarat null ma baqax vertenza bejn il-partijiet ħlief li tiġi likwidata u maqsuma l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, iżda fil-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008 il-partijiet iddikjaraw li ma hemm xejn fil-komunjoni ħlief li l-attur talab u ma ġiex kontestat li jiġi mogħti lura xi oġġetti personali. Għalhekk il-Qorti jibqgħalha biss tiddeċiedi dwar dan. Lanqas ma hemm lok li l-konvenuta tingħata l-fakolta' terġa' lura għal kunjom xbubitha ladarba ż-żwieġ huwa annullat.

**Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti *gia'* eżistenti bejn il-partijiet u**

**tordna li l-konvenuta tirritorna lill-attur iċ-ċertifikati personali tiegħu ndikata a fol. 29 tal-proċess, u anke l-*bicycle* indikat fl-istess dokument.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------